# Termini ta' Referenza: Ir-raba' Sejħa għal Proposti

# Inizjattiva Azzjonijiet Innovattivi Urbani

# 15/10/2018 – 31/01/2019

## Werrej


1. Introduzzjoni ........ 3
2. L-awtoritajiet eliġibbli – Min jista' japplika ........ 4
   - 2.1 Applikanti eliġibbli taħt l-ewwel kategorija huma: ........ 5
   - 2.2 Applikanti eliġibbli taħt it-tieni kategorija huma assoċjazzjonijiet/raggruppamenti ta' awtoritajiet urbani mingħajr status ġuridiku ta' agglomerazzjonijiet organizzati ........ 7
   - 2.3 Rekwiżiti komuni għall-awtoritajiet urbani eliġibbli ........ 9
3. Kopertura tematika għar-raba' Sejħa għal Proposti ........ 10
   - 3.1 IT-TRANŻIZZJONI DIĠITALI ........ 11
   - 3.2 L-UŻU SOSTENIBBLI TAL-ART, SOLUZZJONIJIET IBBAŻATI FUQ IN-NATURA ........ 13
   - 3.3 IL-FAQAR URBAN ........ 16
   - 3.4 IS-SIGURTÀ URBANA ........ 18
4. Prinċipju ta' Finanzjament ........ 20
5. Ġenerazzjoni u żvilupp tal-proġett ........ 22
   - 5.1 Sħubija għall-Azzjonijiet Innovattivi Urbani ........ 22
   - 5.2 Attivitajiet tal-Proġett ........ 23
   - 5.3 Linji baġitarji u spejjeż eliġibbli ........ 24
6. Proċess tal-applikazzjoni ........ 25
7. Proċess tal-għażla ........ 26
   - 7.1 Kontroll tal-Eliġibbiltà ........ 26
   - 7.2 Valutazzjoni Strateġika ........ 28
   - 7.3 Valutazzjoni Operattiva ........ 29
   - 7.4 Sistema ta' punteġġi għall-valutazzjoni ........ 29
8. Akkwist pubbliku, awditjar, u għajnuna mill-Istat ........ 29
9. Kif tikseb l-għajnuna ........ 31
10. Dati ewlenin ........ 31

## 1. Introduzzjoni

Kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-FEŻR[1], il-FEŻR jista' jappoġġja azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-Inizjattiva Azzjonijiet Innovattivi Urbani ((Urban Innovative Actions - UIA) sabiex tidentifika u tittestja soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp urban sostenibbli u li huma rilevanti fuq livell tal-Unjoni.

Għalhekk, l-għan ewlieni tal-Inizjattiva UIA huwa li tipprovdi lill-awtoritajiet urbani ta' madwar l-Ewropa bi spazju u riżorsi biex jittestjaw ideat ambizzjużi u mhux ippruvati li jindirizzaw sfidi interkonnessi u jesperimentaw fuq kif dawn iwieġbu għall-kumplessità tal-ħajja reali. Il-proġetti li se jiġu appoġġjati jridu jkunu innovattivi, ta' kwalità tajba, imfassla u implimentati bl-involviment tal-partijiet interessati ewlenin, orjentati lejn riżultat, u trasferibbli.

L-awtoritajiet urbani għandhom jaħtfu l-opportunità offruta lilhom bl-Inizjattiva UIA biex jgħaddu minn "proġetti normali" (li jistgħu jiġu ffinanzjati minn sorsi "tradizzjonali" ta' finanzjament, inklużi l-Programmi Ewlenin tal-FEŻR) u jieħdu r-riskju li jiżviluppaw ideat ambizzjużi u kreattivi fi prototipi li jistgħu jiġu ttestjati f'ambjenti urbani reali. Fi kliem ieħor, l-UIA tista' tappoġġja proġetti pilota li huma riskjużi ħafna biex ikunu ffinanzjati minn sorsi tradizzjonali ta' finanzjament, dment li jkunu mill-aktar innovattivi u esperimentali.

L-Inizjattiva UIA għandha baġit totali tal-FEŻR ta' madwar EUR 372 miljun.

Il-proġetti tal-UIA jintgħażlu permezz ta' Sejħiet għal Proposti annwali mill-2015 sal-2020 fuq suġġett wieħed jew aktar proposti mill-Kummissjoni. Kull azzjoni tista' tirċievi sa massimu ta' EUR 5 Miljun f'kofinanzjament mill-FEŻR. L-implimentazzjoni tal-proġett għandha ssir f'perjodu massimu ta' 3 snin[2]. M'hemm l-ebda daqs ideali għall-baġits tal-proġetti tal-UIA. Il-proġetti ż-żgħar (jiġifieri, dawk li għalihom jintalbu inqas minn EUR 1 miljun mill-FEŻR) tista' titnaqqsilhom il-probabbiltà li jintgħażlu għax jistgħu jsibuha diffiċli biex juru li l-azzjonijiet huma ta' livell suffiċjenti għall-produzzjoni ta' konklużjonijiet sinifikanti. Fl-istess waqt, il-proġetti li jinkludu spejjeż sinifikanti ta' investiment,

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1301

[2] F'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati tajjeb il-proġetti jistgħu jiġu estiżi b'massimu ta' sena (ara l-UIA Guidance għal aktar informazzjoni).

b'mod partikolari fi tmiem il-perjodu tal-implimentazzjoni, għandhom juru li l-ispejjeż jilħqu l-għan tagħhom u jkunu ġġustifikati kif jixraq.

L-Inizjattiva UIA hija strument tal-Unjoni Ewropea u hi mmaniġġjata mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea (KE) taħt maniġment indirett. Għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva, il-Kummissjoni nnominat lir-Reġjun Hauts-de-France[3] bħala l-Entità Inkarigata (EI). Għall-immaniġġjar tal-Inizjattiva, ġie stabbilit Segretarjat Permanenti (SP)[4].

**B'dawn it-Termini ta' Referenza, l-Entità Inkarigata qed tistieden awtoritajiet eliġibbli biex iressqu proposti għal proġetti fil-qafas tar-raba' Sejħa għal Proposti. Għal din is-Sejħa għal Proposti ġie allokat baġit ta' EUR 80-100 miljun.**

Dan id-dokument jistabbilixxi r-rekwiżiti u l-proċess li jridu jiġu segwiti għar-raba' Sejħa għal Proposti. Dan għandu jinqara flimkien mal-UIA Guidance u l-gwida għall-Formola tal-Applikazzjoni, ippubblikati fis-sit elettroniku tal-UIA u aġġornati fil-qafas tar-raba' Sejħa għal Proposti.

## 2. L-awtoritajiet eliġibbli – Min jista' japplika

L-Artikolu 2 tal-UIA jistabbilixxi li l-awtoritajiet li ġejjin jistgħu japplikaw għall-appoġġ biex iwettqu proġetti tal-Azzjonijiet Innovattivi Urbani:

- Kwalunkwe awtorità urbana ta' unità amministrattiva lokali ddefinita skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala belt kbira, belt żgħira jew subborg, li tikkonsisti f'minn tal-inqas 50 000 abitant.
- Kull assoċjazzjoni jew raggruppament ta' awtoritajiet urbani ta' unitajiet amministrattivi lokali ddefiniti skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala belt kbira, belt żgħira jew subborg, b'popolazzjoni totali ta' mill-inqas 50 000 abitant; din tista' tinkludi assoċjazzjonijiet jew raggruppamenti transkonfinali, assoċjazzjonijiet jew raggruppamenti f'reġjuni u/jew Stati Membri differenti.

---

[3] Qabel kien ir-Reġjun Nord-Pas de Calais

[4] It-tagħrif u d-dettalji ta' kuntatt tas-Segretarjat Permanenti jinsabu hawn: http://www.uia-initiative.eu/en/about-us/meet-team

L-awtoritajiet urbani eliġibbli skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Delega biss jistgħu jissottomettu Formola tal-Applikazzjoni fil-qafas ta' Sejħa għal Proposti tal-UIA.

Id-definizzjoni ta' Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAUs) kif ukoll il-klassifikazzjoni skont il-grad[5] ta' urbanizzazzjoni u ċ-ċifri tan-numru ta' abitanti huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Eurostat fit-**Tabella ta' Korrispondenza LAU2-NUTS2010, EU28 (2012)**[6]. Għalkemm tabelli ta' korrispondenza aktar riċenti ġew rilaxxati mill-Eurostat, dawn ma jinkludux informazzjoni għall-Istati Membri kollha tal-UE; hija biss it-**Tabella ta' Korrispondenza LAU2-NUTS2010, UE28 (2012)** li tagħmel dan. Din hija r-raġuni għala din it-tabella se tintuża mis-Segretarjat Permanenti tal-UIA bħala d-dokument ewlieni ta' referenza għall-Kontroll tal-Eliġibbiltà. L-applikanti mistiedna jirreferu għal din it-Tabella ta' Korrispondenza biex jivverifikaw l-eliġibbiltà tagħhom u jipprovdu informazzjoni fuq l-LAUs inklużi fil-konfini amministrattivi tagħha u ċ-ċifri marbuta man-numru ta' abitanti. Madankollu f'każ li tabelli tal-Eurostat aktar riċenti jew ċifri ġodda minn istituti nazzjonali tal-istatistika juru bidla sinifikanti fis-sitwazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikant (eż. LAU li qabel kienet meqjusa bħala rurali issa hija kkunsidrata bħala urbana skont il-grad ta' urbanizzazzjoni), l-applikant huwa mistieden bis-sħiħ li jikkuntattja lis-SP qabel is-sottomissjoni biex jivverifika għal darb'oħra s-sitwazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom.

Informazzjoni oħra dettaljata dwar l-eliġibbiltà tal-awtoritajiet urbani hi pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

### 2.1 <u>Applikanti eliġibbli taħt l-ewwel kategorija huma:</u>

- Muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet li l-konfini amministrattivi tagħhom jikkorrispondu għal LAU unika. F'dan il-każ, l-LAU għandha tkun ikklassifikata bħala belt kbira, belt żgħira u subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni (kodiċi 1 u/jew 2 fit-Tabella ta' Korrispondenza – il-kolonna tal-Grad ta' Urbanizzazzjoni) u għandu jkollha mill-inqas 50 000 abitant.

- Muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet li l-konfini amministrattivi tagħhom jinkludu diversi LAUs. F'dan il-każ għall-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet fil-Portugall, ir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Greċja, Malta u

---

[5] Id-definizzjoni ta' Unitajiet Amministrattivi Lokali u l-grad ta' urbanizzazzjoni jinsabu hawn: http://ec.europa.eu/eurostat/web/nuts/local-administrative-units ; http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Degree_of_urbanisation

[6] It-Tabella ta' Korrispondenza LAU2-NUTS2010, UE28 (2012) tista' titniżżel minn hawn: http://ec.europa.eu/eurostat/web/nuts/local-administrative-units

l-Latvja, fejn id-definizzjoni tal-Eurostat għal LAU ma tikkorrispondix għal muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet imma għal unitajiet inframuniċipali (parroċċi) jew unitajiet statistiċi (żoni elettorali lokali ta' awtorità). F'dan il-każ, il-muniċipalità/kunsill ta' belt jista' jkun eliġibbli biss jekk ikollu total ta' 50 000 abitant u jekk il-maġġoranza (aktar minn 50 %) tal-abitanti toqgħod f'LAUs ikklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni (kodiċi 1 u/jew 2 fit-Tabella ta' Korrispondenza – il-kolonna tal-Grad ta' Urbanizzazzjoni)

- Agglomerazzjonijiet organizzati li huma assoċjazzjoni/raggruppament ta' awtoritajiet urbani li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

  - Ikunu rikonoxxuti uffiċjalment bħala grad ta' gvern lokali (differenti mil-livell reġjonali u provinċjali) mil-liġi nazzjonali bl-obbligu għall-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet li jissieħbu fl-organizzazzjoni supramuniċipali (għalhekk f'din il-kategorija mhumiex inklużi assoċjazzjonijiet li huma komposti fuq bażi volontarja, għal skop speċifiku u/jew b'durata limitata)
  - Ikunu magħmulin biss minn muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet (għalhekk f'din il-kategorija mhumiex inklużi assoċjazzjonijiet li jinvolvu istituzzjonijiet oħra, bħal universitajiet, kmamar tal-kummerċ, eċċ.)
  - Ikollhom kompetenzi speċifiċi, iffissati bil-liġi nazzjonali, iddelegati mill-muniċipalitajiet involuti fl-oqsma ta' politika rilevanti għall-proġett tal-UIA. L-assoċjazzjonijiet mistiedna jipprovdu referenza preċiża għall-qafas legali nazzjonali. Agglomerazzjoni organizzata għandu jkollha kompetenzi esklużivi għat-tfassil u l-implimentazzjoni fl-oqsma ta' politika rilevanti għall-proġett tal-UIA
  - Ikollha struttura politika (b'rappreżentazzjoni indiretta tal-muniċipalitajiet involuti) u amministrattiva (persunal iddedikat) speċifika.

Eżempji ta' agglomerazzjonijiet organizzati fil-qafas tal-Inizjattiva UIA:

- Franza: Métropoles, Communautés Urbaines, Communautés d'Agglomération u Communautés de Communes, Etablissements Publics Territoriaux
- L-Italja: Città Metropolitane u Unione di Comuni
- Il-Ġermanja: Landkreis
- Spanja: Mancomunidades u Area Metropolitana Barcelona
- Ir-Renju Unit: Combined Authorities
- Il-Portugall: Comunidades Intermunicipais (CIMs)

Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) għandu sħubiji komposti biss minn awtoritajiet urbani (kif definiti hawn fuq) u b’kompetenzi speċifiċi għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ politika rilevanti għas-Sejħa UIA, u dawn huma meqjusa bħala agglomerazzjonijiet organizzati u għaldaqstant jistgħu japplikaw fil-qafas tas-Sejħa għal Proposti tal-UIA bħala Awtoritajiet Urbani Ewlenin jew Assoċjati. Ir-REKT li għandhom sħubiji li jinkludu organizzazzjonijiet oħra (pereżempju, Stati Membri, awtoritajiet reġjonali, assoċjazzjonijiet, universitajiet, eċċ.) mhumiex meqjusa bħala agglomerazzjonijiet organizzati u ma jistgħux japplikaw bħala Awtoritajiet Urbani Ewlenin jew Assoċjati iżda jistgħu jingħaqdu bħala Msieħba li jwasslu għat-Twettiq fi proposta sottomessa minn awtorità urbana eliġibbli.[7]

Fil-qafas tal-Inizjattiva UIA, l-agglomerazzjonijiet organizzati huma meqjusa bħala awtorità urbana unika li jirrappreżentaw il-muniċipalitajiet/kunsilli ta’ bliet kollha involuti. Għal din ir-raġuni, fi proposta għal proġett sottomessa minn agglomerazzjoni organizzata, din għandha tkun indikata bħala Awtorità Urbana Ewlenija.

Biex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-agglomerazzjonijiet organizzati, is-SP jara li n-numru totali ta’ abitanti hu mill-inqas 50 000 u li l-maġġoranza (aktar minn 50 %) tal-abitanti toqgħod f’LAUs involuti fl-agglomerazzjoni li huma kklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi skont il-grad ta’ urbanizzazzjoni.

### 2.2 Applikanti eliġibbli taħt it-tieni kategorija huma assoċjazzjonijiet/raggruppamenti ta’ awtoritajiet urbani mingħajr status ġuridiku ta’ agglomerazzjonijiet organizzati

Kwalunkwe assoċjazzjoni ta’ awtoritajiet urbani (assoċjazzjonijiet nazzjonali/reġjonali ta’ awtoritajiet urbani, patti territorjali, distretti ta’ żvilupp, eċċ.) kif ukoll awtorità urbana individwali mingħajr ftehim formalizzat ta’ kooperazzjoni, imma li hi lesta tapplika b’mod konġunt fil-qafas tal-Inizjattiva UIA, ma tistax tapplika bħala awtorità urbana unika.

---

[7] Għal aktar dettalji dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati (u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq), l-applikanti għandhom jirreferu għat-taqsima 5.1 ta’ dawn it-Termini ta’ Referenza kif ukoll għat-taqsima 2.1 tal-UIA Guidance.

Dawn għandhom jidentifikaw Awtorità Urbana Ewlenija (AUE) fost il-muniċipalitajiet/kunsilli ta' bliet involuti u jagħmlu lista bl-oħrajn bħala Awtoritajiet Urbani Assoċjati (AUA).

Sabiex ikunu eliġibbli, l-awtoritajiet urbani kollha involuti (Ewlenin u Assoċjati) għandhom ikunu rikonoxxuti bħala LAUs u kklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni. Fil-każ ta' awtoritajiet urbani li l-konfini amministrattivi tagħhom jinkludu aktar minn LAU waħda, japplikaw l-istess regoli għad-definizzjoni tal-grad ta' urbanizzazzjoni deskritt hawn fuq f'din it-taqsima.

**Nota bene:** Huwa biss fil-qafas tar-raba' Sejħa għal Proposti preżenti u biss għal proposti li jindirizzaw is-suġġett "L-użu sostenibbli tal-art, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura", li l-awtoritajiet urbani rikonoxxuti bħala **LAUs mill-EUROSTAT iżda kklassifikati bħala rurali skond il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom jistgħu b'mod eċċezzjonali jkunu involuti bħala AUA biss**. Din hija maħsuba biex trawwem rabtiet urbani-rurali, partikolarment rilevanti għal dan is-suġġett. Sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Att Delegat, l-LAUs ikklassifikati bħala rurali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom ma jistgħux jiġu indikati bħala AUE (u għalhekk ma jistgħux jissottomettu proposti ta' proġetti) u l-abitanti tagħhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati biex jintlaħaq il-limitu minimu ta' 50 000 abitant. Il-limitu minimu tal-abitanti għandu jiġi żgurat mill-AUE u eventwalment l-AUE l-oħra kklassifikati mill-Eurostat bħala bliet kbar, bliet żgħar u/jew subborgi skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom.

Ir-relazzjoni ta' bejn l-AUE u l-AUA m'hemmx għalfejn tkun formalizzata meta tiġi sottomessa l-Formola tal-Applikazzjoni. F'każ li l-proposta tkun approvata u megħjuna, is-SP tal-UIA jipprovdi lill-AUE mudell ta' Ftehim ta' Sħubija li jkun irid jiġi ffirmat mill-imsieħba kollha involuti (l-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq) fl-ewwel xhur tal-fażi tal-implimentazzjoni.

L-esperjenzi preċedenti juru li proġetti uniċi mwassla minn assoċjazzjonijiet jew raggruppament ta' bliet mingħajr status ta' agglomerazzjoni organizzata, li jikkonsistu f'iżjed minn 3 awtoritajiet urbani (Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati) mingħajr kontigwità territorjali, jirriskjaw li jitilfu l-koerenza u jkollhom diffikultajiet biex jagħtu riżultati sinifikanti. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-assoċjazzjonijiet u/jew raggruppamenti ta' awtoritajiet urbani (mingħajr l-istatus ta' agglomerazzjonijiet organizzati) li jixtiequ japplikaw għandhom ikunu territorjalment kontigwi u jfittxu li jillimitaw in-numru ta' Awtoritajiet Urbani Assoċjati involuti.

### 2.3 Rekwiżiti komuni għall-awtoritajiet urbani eliġibbli

B'żieda mal-prinċipji t'hawn fuq għal kull kategorija speċifika tal-awtoritajiet urbani eliġibbli, għall-awtoritajiet urbani eliġibbli kollha, japplikaw il-prinċipji li ġejjin fil-qafas tal-Inizjattiva UIA:

- L-awtoritajiet urbani kollha għandhom ikunu fi Stat Membru tal-UE
- L-awtoritajiet urbani eliġibbli elenkati hawn fuq biss jistgħu jissottomettu Formola tal-Applikazzjoni fil-qafas tas-Sejħa għal Proposti tal-UIA. Formola tal-Applikazzjoni sottomessa minn Imsieħeb li Jwassal għat-Twettiq tiġi ddikjarata ineliġibbli.
- L-awtoritajiet urbani (kif definiti hawn fuq) jistgħu jiġu elenkati fi proposta ta' proġett bħala Awtoritajiet Urbani Ewlenin u/jew Assoċjati biss. Il-kategorija ta' Msieħba li jwasslu għat-Twettiq hija riservata biss għal istituzzjonijiet u/jew organizzazzjonijiet li mhumiex rikonoxxuti bħala awtoritajiet urbani fil-qafas tal-Inizjattiva UIA
- Awtorità urbana jew agglomerazzjoni organizzata tista' tkun involuta biss fi proposta ta' proġett waħda biss fil-qafas ta' kull Sejħa għal Proposti (anke jekk dawn il-proposti ta' proġetti jiġu sottomessi taħt suġġetti differenti fl-istess Sejħa għal Proposti). Ir-regola tapplika wkoll għall-AUA (muniċipalità tista' tkun involuta biss fi proposta waħda ta' proġett, kemm jekk hija bħala AUE kif ukoll bħala AUA).
- L-awtoritajiet urbani li diġà huma megħjuna fi proġett approvat mill-Inizjattiva UIA fil-qafas ta' Sejħa għal Proposti preċedenti, ma jistgħux jissottomettu Formola ta' Applikazzjoni ġdida fuq l-istess suġġett matul il-perjodu kollu tal-Inizjattiva.

L-aġenziji u l-kumpaniji (pereżempju fil-qasam tal-enerġija/l-immaniġġjar tal-iskart, l-iżvilupp ekonomiku, il-promozzjoni turistika, eċċ.) bi sjieda sħiħa jew parzjali tal-muniċipalità/kunsill ta' belt, mhumiex meqjusin bħala LAUs, u għalhekk ma jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala awtoritajiet urbani eliġibbli. Madankollu, dawn l-organizzazzjonijiet ma jistgħux ikunu involuti fis-sħubija bħala Msieħba li Jwasslu għat-Twettiq (aktar dettalji dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq jinsabu fit-taqsima 5.1 ta' dawn it-Termini ta' Referenza u fit-taqsima 2.1 tal-UIA Guidance).

Kif intqal fil-paragrafi ta' qabel, is-SP tal-UIA se juża, bħala l-għodda ewlenija għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà, l-ispreadsheet tat-**Tabella ta' Korrispondenza LAU2-**

**NUTS2010, UE28 (2012).** Għalhekk, l-applikanti huma mħeġġa jiċċekkjaw l-ispreadsheet u jagħmlu kwalunkwe awtovalutazzjoni tal-eliġibbiltà qabel jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni.

F'każ ta' lakuni, inkonsistenzi jew dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dejta inkluża fl-ispreadsheet tal-Eurostat, l-applikanti huma mħeġġa jikkuntattjaw is-SP tal-UIA qabel jimlew u jibagħtu l-Formola tal-Applikazzjoni.

Waqt il-kontroll tal-eliġibbiltà, f'każijiet meta l-istatus tal-eliġibbiltà tal-applikant ikun inċert, is-SP tal-UIA jaħdem id f'id mal-imsieħba rilevanti, inkluż l-Eurostat, biex jiddetermina l-eliġibbiltà.

## 3. Kopertura tematika għar-raba' Sejħa għal Proposti

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tallinja mill-qrib is-suġġetti li l-Awtoritajiet Urbani jistgħu jindirizzaw permezz tal-Inizjattiva UIA ma' dawk definiti fil-qafas tal-Aġenda Urbana tal-UE.

B'mod speċjali, kull Sejħa għal Proposti għal UIA se tiffoka fuq numru limitat ta' suġġetti.

Għar-raba' Sejħa għal Proposti, l-applikanti jistgħu jissottomettu proposti għal proġetti li jindirizzaw is-suġġetti li ġejjin:

- It-tranżizzjoni diġitali
- L-użu sostenibbli tal-art, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura
- Il-faqar urban
- Is-sigurtà urbana

L-awtoritajiet urbani li se japplikaw fil-qafas tas-Sejħa għal Proposti tal-UIA huma mitluba jagħżlu suġġett wieħed biss minn dawk proposti. Madankollu, peress li għandu jkun żviluppat approċċ integrat biex jittratta b'mod effettiv l-isfidi identifikati, fil-Formola tal-Applikazzjoni, l-applikanti għandhom il-possibbiltà jiddeskrivu l-ħoloq u l-esternalitajiet ma' suġġetti u oqsma oħra ta' politika.

Kif intqal, ix-xewqa tal-Kummissjoni hi li tara proġetti proposti li jġibu 'l quddiem soluzzjonijiet kreattivi, innovattivi u fit-tul li jindirizzaw id-diversi sfidi identifikati. Minħabba li l-UIA se sservi ta' laboratorju għal ideat ġodda, il-Kummissjoni għandha l-għan tħeġġeġ esperimentazzjoni ġdida li tibni

fuq l-esperjenza f’varjetà ta’ dixxiplini. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni evitat li tkun preskrittiva żżejjed fit-termini ta’ deskrizzjoni tat-tipi ta’ proġetti li tistenna li jiġu proposti.

B’rabta mal-appoġġ għall-Objettivi Tematiċi tal-FEŻR u l-Prijoritajiet ta’ Investiment, il-ħtiġiet kollha tal-proġett jistgħu jitqiesu li jappoġġjaw l-objettivi tematiċi u l-prijoritajiet ta’ investiment tal-FEŻR. Madankollu, il-proġetti tal-UIA, li jikkontribwixxu għall-Objettivi Tematiċi 8-10 (jiġifieri dawk li huma aktar orjentati lejn l-aspett soċjali) jistgħu jiġu appoġġjati, dment li:

- L-għarfien iġġenerat mill-proġett sħiħ ikun jista’ jitqies li qed jikkontribwixxi b’mod effettiv għall-objettivi tematiċi u l-prijoritajiet ta’ investiment tal-FEŻR; u
- Il-proġett ma jkunx kollu kemm hu ffukat fuq attività li tipikament tiġi koperta mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE)

Jekk jogħġbok ftakar li matul l-għażla u l-implimentazzjoni tal-proposti għal proġetti, il-komplimentarjetà u s-sinerġiji ma’ programmi u politiki oħrajn tal-Unjoni, kif ukoll il-proġetti megħjuna, huma ta’ importanza kbira. Il-Kumitat tal-Għażla tal-Inizjattiva UIA ifittex li jevita kull duplikazzjoni meta jkun qed jiddeċiedi liema proġetti għandu jgħin.

It-taqsimiet li ġejjin joffru deskrizzjonijiet dettaljati għall-4 suġġetti tar-raba' Sejħa għal Proposti tal-UIA.

## 3.1 <u>IT-TRANŻIZZJONI DIĠITALI</u>

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

L-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali għandha l-għan li tiftaħ opportunitajiet diġitali għan-nies u n-negozji u ttejjeb il-pożizzjoni tal-Ewropa bħala mexxej dinji fl-Ekonomija Diġitali. Is-Suq Uniku Diġitali huwa mistenni li jikkontribwixxi € 415-il biljun fis-sena għall-ekonomija tagħna u joħloq mijiet ta' eluf ta' impjiegi ġodda. L-iżvilupp ekonomiku tad-data Ewropea jimplika xogħol fuq l-aċċess għal u t-trasferiment ta' data mhux personali ġġenerata minn magni, fuq ir-responsabbiltà tad-data, l-interoperabbiltà u l-istandards. F'soċjetà Diġitali inklussiva ċ-ċittadini jkollhom il-ħiliet it-tajba biex jaħtfu l-opportunitajiet tad-dinja diġitali u jżidu l-opportunitajiet tagħhom għal impjiegi tajbin. Barra minn hekk, it-trasformazzjoni diġitali tal-gvernijiet, inkluż il-provvista ta' servizzi pubbliċi bħas-saħħa, toffri opportunità biex il-gvernijiet jaqdu u jinteraġixxu aħjar maċ-ċittadini, ikunu aktar responsabbli u jagħtu servizzi aħjar u aktar faċli għall-utent.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

Id-diġitalizzazzjoni tippermetti lill-bliet kollha tal-UE biex isiru aktar kompetittivi u attraenti għaċ-ċittadini u għan-negozji. It-tranżizzjoni diġitali hija element rikorrenti fil-ħidma mwettqa mis-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Bliet u l-Komunitajiet Intelliġenti mill-2014 u reċentement ġiet diskussa sewwa fil-qafas tas-sħubija ddedikata tal-Aġenda Urbana għall-UE. B'mod ġenerali jista' jiġi konkluż li l-bliet dejjem aktar għandhom rwol ċentrali fit-tranżizzjoni diġitali, minħabba li l-urbanizzazzjoni hija tendenza ewlenija fit-tul u l-bliet jipprovdu ħafna mis-servizzi pubbliċi liċ-ċittadini u joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għan-negozji biex jiffjorixxu. Is-servizzi pubbliċi diġitali huma kruċjali biex inaqqsu l-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini, jagħmlu l-interazzjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi aktar mgħaġġla, aktar konvenjenti u inqas għalja kif ukoll iżidu l-kwalità tas-servizzi pprovduti. Il-bliet jistgħu wkoll iservu bħala post eċċellenti għall-innovazzjoni u b'hekk jikkontribwixxu għall-ġenerazzjoni tat-tkabbir ekonomiku; billi jiġi żgurat ambjent li jiffavorixxi n-negozju, li jippermetti t-tkabbir ta' negozji mmexxija mid-data; u billi jġibu l-innovazzjoni fis-swieq b'kapaċità tal-akkwist kbira. Il-bliet se jipprovdu l-postijiet u l-pjattaformi fejn iċ-ċittadini u l-kumpaniji jgħaqqdu l-attivitajiet tagħhom. Bis-saħħa tad-diġitalizzazzjoni, huwa possibbli li jinħolqu għodod ġodda għal Żvilupp tal-bliet iċċentrat fuq iċ-ċittadini, inkluż fl-istadju tat-tfassil tal-politika permezz tal-eDemocracy (informazzjoni, konsultazzjoni, parteċipazzjoni). Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Tallinn dwar l-eGovernment tirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tan-negozji fl-interazzjoni tagħhom mal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tistabbilixxi sett ta' prinċipji ta' ffukar fuq l-utent li għandhom jiggwidaw lill-bliet fit-twassil tas-servizz pubbliku tagħhom.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Il-proposti għal proġetti tal-Azzjonijiet Innovattivi Urbani għandhom jikkontribwixxu għax-xogħol li għaddej tas-sitt Raggruppamenti ta' Azzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u/jew tas-Sħubija ta' Tranżizzjoni Diġitali billi jiġu ttestjati soluzzjonijiet ġodda. Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta' proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw b'mod partikolari s-suġġetti u l-kwistjonijiet li ġejjin:

- Jippermettu u jimplimentaw soluzzjonijiet għall-bliet intelliġenti inkluż mudelli tan-negozju, finanzi u akkwist, infrastrutturi u proċessi integrati, ippjanar u regolamenti integrati, distretti sostenibbli u ambjent mibni u mobilità urbana sostenibbli
- Jippermettu u jimplimentaw soluzzjonijiet tal-eGovernment iffukati fuq iċ-ċittadini fis-setturi kollha
- Joħolqu valur permezz ta' aċċess ħieles u ġust għal data ta' kwalunkwe tip: miftuħa/settur pubbliku/privata/data personali (eż. miġbura minn sensuri, użu ta' data tas-settur privat għal

skopijiet ta' interess pubbliku, użu ta' drittijiet ta' portabbiltà taħt il-GDPR għaċ-ċittadini biex jagħtu d-data lill-Belt għal ġestjoni aħjar tal-Belt, l-istabbiliment ta' sistemi ta' integrazzjoni tad-data miftuħa għall-aċċess minn applikazzjonijiet b'aktar minn skop wieħed)

- Iħaffu l-adozzjoni ta' teknoloġiji emerġenti diġitali, li se jimmodernizzaw l-infrastruttura u s-servizzi tal-Belt, bħal soluzzjonijiet tad-dwal tat-toroq intelliġenti u netwerks innovattivi ta' komunikazzjoni 5G li jintegraw pjattaformi ta' data urbana miftuħa kif ukoll soluzzjonijiet għal amministrazzjonijiet lokali
- Joħolqu ambjent favur in-negozju u jaġixxu bħala postijiet u pjattaformi biex jippermettu sperimentazzjoni flessibbli ta' negozji mmexxija mid-data u jġibu l-innovazzjoni fis-swieq b'kapaċità tal-akkwist kbira, li tiġġenera tkabbir ekonomiku lokali

## 3.2 L-UŻU SOSTENIBBLI TAL-ART, SOLUZZJONIJIET IBBAŻATI FUQ IN-NATURA

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

L-art hija riżors naturali finit u essenzjali. Hija soġġett għal pressjonijiet kompetittivi minn, pereżempju l-urbanizzazzjoni, l-infrastruttura, żieda fl-ikel, fl-għalf, fil-fibra u fil-produzzjoni tal-fjuwil filwaqt li fl-istess ħin l-art mistennija tkompli tipprovdi servizzi ewlenin tal-ekosistema. Kważi 1 000 km² ta' art agrikola jew naturali tisparixxi kull sena fl-UE, minħabba li tinbidel f'żoni artifiċjali. Aktar art tal-UE qed tiġi affettwata mid-degradazzjoni l-ħin kollu, u s-servizzi tal-ekosistemi jintilfu bħala riżultat. Hemm rikonoxximent u sensibilizzazzjoni ddokumentati tajjeb li n-natura tgħin biex tipprovdi soluzzjonijiet effiċjenti li jużaw u jimplimentaw il-proprjetajiet tal-ekosistemi naturali u s-servizzi li jipprovdu b'mod intelliġenti, xi drabi "maħdum". Dawn is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jipprovdu alternattivi sostenibbli, kosteffettivi, bi skopijiet diversi u flessibbli li joffru appoġġ biex jintlaħqu diversi għanijiet. Il-ħidma man-natura, aktar milli kontra tagħha, tista' twitti aktar it-triq għal ekonomija aktar effiċjenti fir-riżorsi, kompetittiva u aktar ekoloġika. Tista' wkoll tgħin biex jinħolqu impjiegi ġodda u tkabbir ekonomiku, permezz tal-manifattura u t-twassil ta' prodotti u servizzi ġodda, li jtejbu l-kapital naturali aktar milli jnaqqsuh.

F'termini ta' ppjanar spazjali u periurban hemm ukoll sforz dejjem akbar biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-teħid tal-art addizzjonali u biex jiġi llimitat, immitigat jew ikkumpensat l-issiġillar tal-ħamrija. Dan jitlob fl-istess ħin għal użu aktar effiċjenti ta' art li ttieħdet qabel, u r-restawr tagħha, speċjalment fl-ambjent urban. Il-linji gwida bl-aħjar prattiki biex inaqqsu l-impatt tal-issiġillar tal-ħamrija, ippubblikati mill-Kummissjoni, jistgħu jagħtu ispirazzjoni lil dawk li jfasslu l-politika.

Biex tgħin tindirizza dawk l-isfidi, diversi politiki Ewropej jippromwovu l-protezzjoni tal-art u tal-bijodiversità, l-iżvilupp urban sostenibbli, u l-involviment tal-Partijiet Interessati, bħas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-Istrateġija Tematika tal-UE dwar il-Ħamrija, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità, u l-istrateġija dwar l-infrastruttura ekoloġika. Reċentement ħafna, il-Kummissjoni adottat ukoll "Pjan ta' Azzjoni għan-Natura, in-Nies u l-Ekonomija" , li l-għan tiegħu huwa li jagħti spinta lill-Kontribut ta' politiki oħra għall-konservazzjoni tan-natura. Fil-qafas tal-Aġenda Urbana għall-UE, is-sħubija dwar l-Użu Sostenibbli tal-Art u Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-Natura qiegħda taħdem fuq id-definizzjoni ta' pjan ta' azzjoni.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

Il-bliet għandhom konċentrazzjoni għolja ta' nies li jistgħu japprofittaw minn titjib fl-ippjanar urban inkluż, fost l-oħrajn, aktar opportunitajiet biex jagħmlu kuntatt man-natura biex itejbu eż. is-saħħa u l-benesseri. Huma għandhom spazju limitat li jeħtieġ li jintuża aħjar b'mod multi-funzjonali; huma jsofru minn tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, u minn effetti tat-tibdil fil-klima bħal gżejjer tas-sħana u mewġ ta' sħana u għargħar f'daqqa - li kollha qed jolqtu l-ekonomija, is-sigurtà soċjali u n-natura tal-bliet. It-titjib tal-bijodiversità u l-forniment ta' servizzi multipli tal-ekosistema permezz tal-Infrastruttura Ekoloġika jgħinu, itejbu l-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem; il-protezzjoni kontra l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u l-issiġillar tgħin biex tevita jew timminimizza d-diżastri naturali, pereżempju, permezz ta' kapaċità akbar ta' assorbiment tal-ħamrija f'każ ta' xita qawwija, jew li tipprovdi effett li jkessaħ f'każ ta' mewġa ta' sħana; il-bliet li jirriġeneraw u d-diversifikazzjoni tal-ekonomiji lokali; il-ħolqien ta' impjiegi innovattivi u sostenibbli, mudelli tan-negozju innovattivi u għodod ta' governanza u titjib fis-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini. L-implimentazzjoni ta' infrastrutturi blu u ħodor u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura favur riġenerazzjoni urbana inklussiva f'żoni reġjonali, urbani u periurbani wkoll toħloq sens akbar ta' komunità u tgħin biex tiġġieled l-esklużjoni soċjali, tnaqqas il-ġentrifikazzjoni u l-inugwaljanzi fi ħdan u bejn il-bliet u r-reġjuni. Ir-restawr għall-kundizzjoni oriġinali jew normali taż-żoni urbani u periurbani b'soluzzjonijiet sistemiċi bbażati fuq in-natura għalhekk għandu jiżdied biex jippromwovi l-bliet u r-reġjuni bħala atturi ta' innovazzjoni miftuħa.

Il-mudell ta' Belt sostenibbli jimplika użu effiċjenti tal-art u skoraġġiment ta' tixrid urban. Jiffoka fuq żvilupp "intern", li jimplika r-restawr ta' art degradata, l-użu, ir-riċiklaġġ u l-adattament tal-art. Dan l-approċċ jinvolvi riġenerazzjoni fiżika, soċjali u ekonomika naturali u ħafna drabi jimxi id f'id ma' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-benefiċċji ambjentali simultanji.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta’ proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw it-temi u l-kwistjonijiet li ġejjin, b’mod partikolari:

a) L-inkorporazzjoni ta' infrastruttura blu u ħadra u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet sistemiċi bbażati fuq in-natura għar-riġenerazzjoni urbana inklussiva u l-iżvilupp urban sostenibbli, immirati lejn:

- titjib tal-kwalità tal-ħajja, saħħa u benesseri (eż. tnaqqis tal-ħsejjes, sekwestru tal-karbonju, opportunitajiet ta' rikreazzjoni, ilma nadif, tnaqqis fit-tniġġis, eċċ.) għall-ekonomiji lokali, il-fibra soċjali u l-ambjent usa'
- tnaqqis fit-tniġġis tal-ħamrija, titjib fl-infiltrazzjoni tal-ilma u l-protezzjoni mill-impatt tal-issiġillar tal-ħamrija
- restawr għall-kundizzjoni oriġinali jew normali tal-bliet permezz tal-konservazzjoni, ir-restawr, ir-riġenerazzjoni u l-espansjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u permezz tat-tisħiħ tal-konnettività ekoloġika bejn żoni urbani u periurbani
- ħolqien ta' impjiegi u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali, id-diversifikazzjoni tal-ekonomiji lokali u l-ħolqien ta' mudelli innovattivi u sostenibbli ta' negozju u governanza
- titjib tal-ippjanar territorjali/reġjonali urban u upstream

Billi fit-tielet Sejħa għal Proposti tal-UIA se jkunu ntgħażlu diversi proġetti taħt is-suġġett "Adattament għat-tibdil fil-klima" li għandu ħafna xebh mat-temi u l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, huwa rakkomandat li l-applikanti jħarsu lejn il-proġetti approvati. L-informazzjoni dwar il-proġetti se tkun disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-UIA wara l-għażla tagħhom f'Ottubru 2018.

b) L-approċċi innovattivi għall-użu sostenibbli tal-art u għall-ippjanar tal-użu tal-art inkluż iżda mhux limitati għal:

- rimedju, restawr u prevenzjoni tal-formazzjoni ta' sit abbandunat (niskopru l-potenzjal ta' siti abbandunati biex jipprovdu servizzi ta' benefiċċju u jiżviluppaw viżjoni għal żvilupp ekonomiku u soċjali mill-ġdid li jkun globalment sostenibbli u ta' suċċess)
- limitazzjoni, mitigazzjoni jew kumpens tal-issiġillar tal-ħamrija
- l-użu mill-ġdid adattiv ta' art vakanti u mhux utilizzata, riġenerazzjoni u żieda tal-multifunzjonalità ta' żoni diġà mibnija u l-konverżjoni ta' infrastruttura antika
- restawr tal-ispazji urbani għall-kundizzjoni oriġinali jew normali biex jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (eż. il-ħolqien ta' "bjar ta' karbonju") u l-adattament (eż. il-mitigazzjoni tar-riskji ta' għargħar, l-effett urban ta' gżejjer tas-sħana)

- l-indirizzar tat-tifrix urban eżistenti u l-prevenzjoni ta' aktar tixrid urban
- promozzjoni ta' biedja urbana sostenibbli
- l-istabbiliment ta' strateġija fit-tul għall-ippjanar urban biex tiddeċiedi liema funzjonijiet tal-użu tal-art huma preferuti, tgħin biex tiddefinixxi l-muturi u l-attivitajiet differenti ta' riġenerazzjoni ekonomika, minbarra sussidju pubbliku, ħolqien ta' mudelli finanzjarji u ta' negozju innovattivi, eż. permezz tal-kombinazzjoni innovattiva tal-ippjanar u d-disinn urban fiskali u spazjali lokali

Huwa mistenni li l-proġetti mressqa jippromwovu l-użu sostenibbli tal-art permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, li jġibu flimkien benefiċċji soċjali, kulturali u komunitarji, kif ukoll benefiċċji ambjentali u ekosistemiċi.

Jekk soluzzjonijiet innovattivi jeħtieġu interfaċċja urbana-rurali jew approċċ ta' żona funzjonali, se jkun possibbli taħt dan is-suġġett li jiġu inklużi unitajiet amministrattivi lokali definiti bħala rurali skont il-grad ta' urbanizzazzjoni tagħhom fi ħdan sħubija ta' proġett (ara t-taqsima 2 hawn fuq).

## 3.3 IL-FAQAR URBAN

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

L-objettiv ewlieni tal-istrateġija Ewropa 2020 huwa li jitnaqqas in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'20 miljun meta mqabbel mal-2010. Fil-fatt il-faqar dejjem jikber u l-inugwaljanza korrispondenti jistgħu jillimitaw b'mod qawwi l-iżvilupp ekonomiku tal-bliet. Jista' wkoll jiġġenera spejjeż fost l-oħrajn permezz tal-produttività potenzjalment mitlufa, iż-żieda fil-probabbiltà ta' eżiti ta' problemi ta' saħħa u edukazzjoni aktar baxxa. Il-konċentrazzjoni tal-faqar f'ċerti żoni ġeografiċi, fi kliem ieħor is-segregazzjoni spazjali, tista' toħloq ostakolu addizzjonali għall-bliet. Kontribuzzjoni reċenti hija pprovduta mill-pjan ta' azzjoni minn sħubija ddedikata tal-Aġenda Urbana għall-UE.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

L-awtoritajiet lokali jista' jkollhom rwol importanti fil-kisba tal-mira tal-Ewropa 2020 billi jintroduċu jew isaħħu l-politiki lokali għat-taffija tal-faqar allinjati wkoll mal-politiki nazzjonali.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Il-faqar għandu rabtiet diretti mal-qgħad jew max-xogħol f'impjiegi b'pagi baxxi, dħul/pensjonijiet baxxi u benefiċċji soċjali inadegwati, kisba edukattiva baxxa, problemi tas-saħħa u inugwaljanzi fis-saħħa, kwalità prekarja ta' akkomodazzjoni, segregazzjoni edukattiva u spazjali, ostakoli għall-aċċess

għas-servizzi ta' kwalità, għall-kura tat-tfal u għall-edukazzjoni u twassil ta' servizz ineffiċjenti, livell għoli/li qed jiżdied tal-ispejjeż domestiċi (eż. spejjeż għall-ikel, utilitajiet, trasport), iż-żieda ta' unitajiet domestiċi b'persuna waħda/ġenitur waħdu, diskriminazzjoni f'oqsma differenti tal-ħajja, u livell baxx ta' parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità u fil-ħajja pubblika.

Dawn il-fatturi għandhom it-tendenza li jikkombinaw ma' oħrajn biex joħolqu ċiklu vizzjuż ta' faqar li huwa strutturali u viżibbilment ikkonċentrat spazjalment f'ħafna bliet u viċinati tal-UE. Dan il-punt huwa partikolarment importanti - il-faqar mhux biss jaggrava d-differenzi soċjali bejn in-nies u l-gruppi; iżda jwassal ukoll għal effetti sinifikanti fuq il-mod kif il-bliet jiddefinixxu l-ispazji u ż-żoni tagħhom. Hekk kif jiżdied il-faqar, hekk ukoll jagħmel ir-riskju ta' konċentrazzjoni tal-fqar urbani f'żoni żvantaġġati, li huma kkaratterizzati minn segregazzjoni soċjali, edukattiva u spazjali, stigmatizzazzjoni ta' sezzjoni usa' ta' ċittadini, mobilità mnaqqsa (inkluż inqas aċċess għat-trasport pubbliku), aċċess limitat għall-kreditu, kundizzjonijiet ħżiena ta' akkomodazzjoni u mhux biss degradazzjoni ambjentali iżda n-nefqa pubblika mnaqqsa għall-prevenzjoni tagħha.  Sabiex ikun hemm impatt reali fuq it-tnaqqis tal-faqar urban, ix-xewqa tal-Kummissjoni hija li tara proġetti proposti li jipproduċu soluzzjonijiet innovattivi u ġodda, b'mod partikolari rigward il-prinċipji fundamentali li jmexxu l-faqar ċikliku f'żoni żvantaġġati. Il-Kummissjoni trid tara proġetti li jittrattaw l-interkonnessjoni tal-fatturi kawżali ewlenin, li jgħaqqdu n-nies u approċċi bbażati fuq il-post sabiex jidentifikaw u jimplimentaw soluzzjonijiet sostenibbli li jfittxu li jindirizzaw integrazzjoni fit-tul u jkissru ċ-ċirku ta' iżolament soċjali u spazjali. Dawn il-proġetti għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Gwida dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020, u b'mod partikolari l-Gwida għall-Istati Membri dwar l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fl-indirizzar ta' segregazzjoni edukattiva u spazjali u dwar it-tranżizzjoni għall-kura bbażata fil-komunità. Il-proġetti jistgħu wkoll jindirizzaw il-faqar enerġetiku (pereżempju permezz tal-insulazzjoni tal-bini) u jnaqqsu l-vulnerabbiltajiet (spiss ogħla u potenzjalment jiżdiedu) ta' gruppi bi dħul baxx għal impatti tat-tibdil fil-klima (bħal għargħar u mewġ ta' sħana) li jistgħu jżidu l-faqar jew kwistjonijiet ta' saħħa.

Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta’ proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw it-temi u l-kwistjonijiet li ġejjin, b’mod partikolari:

- Is-segregazzjoni soċjali, edukattiva u spazjali
- Il-faqar enerġetiku
- Il-faqar fost it-tfal
- Il-fenomenu tal-persuni mingħajr dar
- Is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni

- L-istatus baxx tas-saħħa u ċ-ċaħda fl-aċċess għall-kura tas-saħħa
- Ir-riġenerazzjoni taż-żoni urbani żvantaġġati u tal-viċinati
- L-integrazzjoni soċjali tal-poplu Roma
- L-aċċess għal servizzi soċjali, tas-saħħa, edukattivi u oħrajn

Fl-aħħar nett, peress li din hi t-tieni darba li s-suġġett tal-Faqar Urban huwa inkluż fis-Sejħa għal Proposti tal-UIA, nirrakkomandaw li l-applikanti jagħtu ħarsa lejn dawk il-proġetti li ġew approvati fl-ewwel Sejħa għal Proposti.

### 3.4 IS-SIGURTÀ URBANA

**Definizzjoni ġenerali u kuntest tas-suġġetti**

L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tiżgura li n-nies jgħixu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mingħajr fruntieri interni. L-Ewropej għandhom iħossuhom kunfidenti li, kull fejn imorru fl-Ewropa, il-libertà u s-sigurtà tagħhom ikunu protetti sew, f'konformità sħiħa mal-valuri tal-Unjoni, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għandha l-għan li ssaħħaħ l-għodod li l-UE tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità, ibbażati fuq prinċipji, bħall-konformità sħiħa mat-trasparenza tad-drittijiet fundamentali, ir-responsabilità u l-Kontroll demokratiku, l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti legali eżistenti tal-UE, eċċ. Fir-rigward tat-theddid għas-sigurtà pubblika, l-UE adottat Pjan ta' Azzjoni biex tappoġġja l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi (COM (2017) 612.), li fost l-oħrajn isejjaħ għal aktar kooperazzjoni fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, numru ta' direttivi u konvenzjonijiet internazzjonali jipprovdu qafas legali u ta' politika biex jindirizza fost l-oħrajn standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità), il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu) u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa (il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa).

Fuq livell lokali, is-sigurtà urbana tista' tirreferi għal diversi forom ta' kriminalità (inkluż pereżempju t-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità organizzata, il-vjolenza sesswali, il-vjolenza kontra gruppi vulnerabbli u minoranzi, il-vandaliżmu, ir-radikalizzazzjoni vjolenti u t-terroriżmu, inkluż permezz ta' theddid transkonfinali għas-saħħa) u nuqqas attwali jew perċepit ta' sigurtà. Id-definizzjoni ta'

theddid għas-sigurtà urbana teħtieġ valutazzjoni oġġettiva u bbażata fuq l-evidenza tal-vulnerabbiltajiet. L-awtoritajiet lokali jeħtieġ li jwettqu din il-valutazzjoni permezz tal-ġbir u l-analiżi ta' data kwalitattiva u kwantitattiva, f'kooperazzjoni mal-Partijiet Interessati u l-komunitajiet rilevanti. Il-proposti tal-proġetti għandhom jimmiraw li jindirizzaw dawn il-vulnerabbiltajiet definiti b'mod oġġettiv.

**Ir-rilevanza għal u l-irwol tal-awtoritajiet urbani**

Is-sigurtà urbana tikkontribwixxi għal ambjent tajjeb biex tgħix u jkollha impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku. Kemm il-kriminalità kif ukoll it-theddid terroristiku u l-biża' relatata għandhom jiġu indirizzati. L-isfidi huma multipli; sfidi ġodda jistgħu jitfaċċaw u jevolvu b'mod mgħaġġel ukoll minħabba fatturi esterni, bħall-iżvilupp tal-Belt, movimenti tal-portaturi tal-mard, kriżi ekonomika, bidla fl-ippjanar tal-Belt jew tibdil fil-modus operandi tal-kriminalità organizzata jew tat-terroriżmu. L-awtoritajiet urbani huma fost l-atturi l-aktar importanti biex jiżguraw li s-sigurtà attwali u perċepita tiġi indirizzata minn miżuri mmirati, peress li għandhom preżenza lokali b'saħħitha u jafu l-isfidi lokali.

Is-sigurtà hija kwistjoni kumplessa li għandha tinkludi oqsma bħall-integrazzjoni soċjali (aċċess għal servizzi bażiċi ta' kwalità tajba u mhux segregati inkluż l-edukazzjoni, il-kura soċjali u tas-saħħa eċċ.), l-infurzar tal-liġi, ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-għoti tas-setgħa lill-komunità kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza. Tikkonċerna wkoll it-titjib tal-protezzjoni tal-bini u l-infrastruttura. B'riżultat ta' dan, għadd ta' atturi għandhom ikunu involuti fis-sigurtà inkluż l-ewwel interventi (il-pulizija, il-pumpiera, l-unitajiet tal-protezzjoni ċivili), is-setturi tas-saħħa u soċjali, l-iskejjel, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-imsieħba tas-soċjetà ċivili, kif ukoll id-disinjaturi urbani biex jiżguraw li s-sigurtà tkun inkorporata diġà fil-fażi tad-disinn tal-bini u tal-ispazji miftuħa fil-bliet. L-interventi lokali jiffavorixxu approċċ olistiku u minn isfel għal fuq, li jindirizzaw il-komunità u r-reżiljenza.

**Indikaturi għall-awtoritajiet urbani**

Is-sigurtà urbana tista' tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-interventi fil-qasam tas-sigurtà urbana jistgħu jikkontribwixxu għal kwalità ta' ħajja tajba u għall-iżvilupp ekonomiku. Anki jekk is-Sigurtà Urbana mhix relatata ma' objettiv tematiku speċifiku tal-Politika ta' Koeżjoni, il-proposti għal proġetti jistgħu jappoġġjaw b'mod partikolari l-objettivi tematiċi ta' R&Ż&I (TO1), it-titjib tal-aċċess u l-użu u l-kwalità tal-ICT (TO2); il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli (TO7); il-promozzjoni tal-impjiegi sostenibbli u ta' kwalità (TO8); il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u d-diskriminazzjoni (TO9), l-investiment fl-edukazzjoni (TO10) u t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali (TO11), inkluż dwar prevenzjoni u

promozzjoni tas-saħħa u s-saħħa. Il-proposti innovattivi għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Gwida dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020, u b'mod partikolari l-Gwida għall-Istati Membri dwar l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fl-indirizzar ta' segregazzjoni edukattiva u spazjali u dwar it-tranżizzjoni għall-kura bbażata fil-komunità. Il-proposti għandhom jikkapitalizzaw fuq ir-riżultati ta' riċerka ffinanzjati mill-UE, kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni biex jappoġġjaw il-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi (Ara d-dettalji fil-Pjan ta' Azzjoni).

Mingħajr ma nkunu preskrittivi fuq it-tipi ta’ proġetti mistennija, il-bliet mistednin jikkunsidraw b'mod partikolari t-temi u l-kwistjonijiet li ġejjin:

- It-titjib fid-disinn spazjali, l-ippjanar urban u l-iżvilupp tas-sigurtà skont il-kunċetti tad-disinn, inkluż protezzjoni aħjar tal-ispazji pubbliċi, titjib tar-reżiljenza tal-bini u tal-infrastruttura
- L-istandardizzazzjoni tal-proċessi u tar-rekwiżiti tekniċi biex tissaħħaħ is-sigurtà urbana;
- It-tisħiħ u l-bini tal-kapaċitajiet ta' komunitajiet lokali, inkluż kuxjenza msaħħa dwar ir-riskju, li tibni r-reżiljenza tas-soċjetà
- Iż-żieda fit-tħejjija transsettorjali għat-theddid għas-sigurtà kontra spazji pubbliċi inkluż koordinazzjoni aħjar bejn l-ewwel interventi u awtoritajiet differenti
- L-appoġġ għall-vittmi tal-kriminalità
- Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali u l-appoġġ għall-integrazzjoni ta' nies marġinalizzati bil-ħsieb li tiġi evitata l-polarizzazzjoni li tista' twassal għal kriminalizzazzjoni u radikalizzazzjoni.
- Il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-kriminalità mhux irrappurtata
- Iċ-ċibersigurtà.

## 4. Prinċipju ta’ Finanzjament

**Il-prinċipju tal-ispejjeż totali**

L-Inizjattiva UIA ssegwi l-prinċipju tal-ispejjeż totali. Il-proġett huwa kkofinanzjat mill-FEŻR sa 80 % tal-ispejjeż eliġibbli. Kull sieħeb li jirċievi mill-FEŻR jeħtieġ jiżgura kontribuzzjoni pubblika jew privata ta’ mill-inqas 20% biex il-baġit tiegħu ikun komplut, jew mir-riżorsi tiegħu jew minn sorsi oħrajn. Il-kontribuzzjoni tal-imsieħba tista’ tkun fi flus kontanti u/jew in natura. Tajjeb jingħad li xogħol volontarju mhux imħallas mhuwiex eliġibbli skont ir-regoli tal-eliġibbiltà tal-UIA, filwaqt li l-persunal imħallas għandu jitqies bħala kontribuzzjoni fi flus kontanti.

**Il-ħlasijiet tal-FEŻR**

L-iskema ta' ħlas tal-UIA hija bbażata l-aktar fuq il-prinċipju tal-ħlasijiet bil-quddiem tal-FEŻR[8] u bbażata wkoll fuq il-prinċipju tar-rifużjoni tal-ispejjeż li fil-fatt ikunu saru (inklużi rati fissi):[9]

- L-ewwel ħlas bil-quddiem tal-FEŻR, li jikkorrispondi għal 50 % mill-għotja tal-FEŻR, jingħata lill-Awtorità Urbana (Ewlenija) f'90 jum minn wara l-iffirmar tal-Kuntratt tas-Sussidju (u tal-Ftehim ta' Sħubija meta meħtieġ). Dan l-ewwel ħlas bil-quddiem ikopri wkoll is-somma f'daqqa għall-ispejjeż tat-tħejjija (massimu ta' EUR 16 000 FEŻR).
- It-tieni ħlas bil-quddiem tal-FEŻR, li jikkorrispondi għal 30 % mill-għotja tal-FEŻR, jingħata lill-Awtorità Urbana (Ewlenija) wara s-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' rapport interim dwar il-progress li jinkludi l-awditjar tan-nefqa tal-proġett mill-Kontrollur tal-Ewwel Livell. In-nefqa rrappurtata għandha tilħaq mill-inqas 70% tal-ewwel pagament bħala prefinanzjament (li jikkorrispondi għal 35% tal-baġit totali tal-proġett).
- It-tielet ħlas tal-FEŻR, li jikkorrispondi sa massimu ta' 20% tal-għotja tal-FEŻR (mingħajr is-somma f'daqqa maħsuba għall-għeluq tal-proġett u t-trasferiment tal-għarfien) isir lill-Awtorità Urbana (Ewlenija) wara s-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-Rapport Finali dwar il-Progress. Dan ir-rapport, li jintbagħat mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-data ta' tmiem il-proġett, jinkludi l-awditjar tan-nefqa finali tal-proġett mill-Kontrollur tal-Ewwel Livell. Importanti jingħad li t-tielet ħlas mhuwiex aktar ibbażat fuq il-prinċipju ta' ħlas bil-quddiem imma fuq il-prinċipju ta' rifużjoni tal-ispejjeż li jkunu saru u tħallsu. Għalhekk, l-imsieħba tal-proġett iridu jagħmlu l-prefinanzjament tal-ispiża tagħhom huma matul l-aħħar fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett.
- Il-ħlas finali jsir lill-Awtorità Urbana (Ewlenija) wara l-approvazzjoni tar-Rapport Kwalitattiv Finali (sottomess mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' tmiem il-proġett). Il-ħlas jammonta għal massimu ta' EUR 12 000 FEŻR u jkopri l-fażi tal-għeluq tal-proġett u tat-trasferiment tal-għarfien.

---

[8] Kif jingħad fil-Ftehim ta' Delegazzjoni ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Reġjun Hauts-de-France (li kien ir-Reġjun Nord-Pas-de-Calais) fl-2015

[9] Idem

# 5. Ġenerazzjoni u żvilupp tal-proġett

## 5.1 Sħubija għall-Azzjonijiet Innovattivi Urbani

L-awtoritajiet urbani eliġibbli skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Delega tal-UIA biss jistgħu jissottomettu Formola tal-Applikazzjoni fil-qafas ta' Sejħa għal Proposti tal-UIA.

Madankollu, fil-qafas tal-Inizjattiva tal-UIA, l-Awtoritajiet Urbani huma mistennija jistabbilixxu sħubiji lokali b'saħħithom ma' taħlita tajba ta' msieħba kumplimentari. L-imsieħba kollha jridu jkunu mill-UE. Sħubija għal proġett tal-UIA tista' tkun magħmula minn AUE, AUA u msieħba li jwasslu għat-twettiq. Il-grupp usa' ta' partijiet interessati mhux parti mis-sħubija tal-proġett imma għandu jkun involut ukoll fil-proġett.

- **AUE**: l-Inizjattiva UIA tiffunzjona fuq il-bażi ta' Awtorità Urbana responsabbli mill-implimentazzjoni sħiħa u l-immaniġġjar tal-proġett kollu. L-AUE tiffirma Kuntratt ta' Sussidju mal-Entità Inkarigata u tirċievi l-FEŻR biex ikun jista' jitqassam lill-imsieħba l-oħra (AUA u/jew Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq) skont ir-rwoli speċifiċi u r-responsabbiltajiet tagħhom (u l-baġit relatat). Fil-każ ta' agglomerazzjonijiet organizzati, l-istituzzjoni, inklużi l-awtoritajiet urbani l-oħra kollha involuti fl-agglomerazzjoni, għandhom jitqiesu bħala Awtorità Urbana unika u jitniżżlu bħala Awtorità Urbana Ewlenija fil-qafas tal-proġett tal-UIA.

- **AUA:** Kwalunkwe assoċjazzjoni ta' awtoritajiet urbani (assoċjazzjonijiet nazzjonali/reġjonali ta' awtoritajiet urbani, patti jew assoċjazzjonijiet territorjali, distretti ta' żvilupp, eċċ.) mingħajr status ġuridiku ta' agglomerazzjoni organizzata kif ukoll awtoritajiet urbani individwali mingħajr ftehim ta' kooperazzjoni formalizzat, imma li lesti japplikaw b'mod konġunt fil-qafas tal-UIA, fil-Formola tal-Applikazzjoni għandhom iniżżlu LAU waħda bħala AUE u l-LAUs l-oħra bħala AUA. L-AUA jkunu responsabbli mit-twettiq ta' attivitajiet speċifiċi u mill-produzzjoni ta' riżultati/prodotti relatati. L-AUA jkollhom sehem mill-baġit tal-proġett u jirrappurtaw l-ispejjeż li jagħmlu għat-twassil tal-attivitajiet. Informazzjoni dettaljata dwar l-AUA (inklużi l-istatus ġuridiku, l-esperjenzi u l-kompetenzi, il-persuni ta' kuntatt, eċċ.) għandha tingħata fil-Formola tal-Applikazzjoni.

- **Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq:** istituzzjonijiet, aġenziji, organizzazzjonijiet, imsieħba mis-settur privat u assoċjazzjonijiet li jkollhom irwol attiv fl-implimentazzjoni tal-proġett. L-Awtoritajiet Urbani għandhom jagħżlu l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq tagħhom skont il-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali. Dawn ikunu responsabbli mit-twettiq ta' attivitajiet speċifiċi u mill-produzzjoni ta' riżultati/prodotti relatati. Ta' min jinnota li l-organizzazzjonijiet li għandhom personalità ġuridika biss huma intitolati jipparteċipaw fi proġett bħala Msieħba li Jwasslu għat-Twettiq. Ditti ta' konsulenza, li bħala objettiv primarju tagħhom għandhom l-iżvilupp u l-immaniġġjar ta' proġetti Ewropej mhumiex intitolati jipparteċipaw fi proġett bħala Msieħba li Jwasslu għat-Twettiq.

- **Grupp usa' ta' partijiet interessati** għandu jiġi involut ukoll fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-grupp jista' jinkludi istituzzjonijiet, aġenziji, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet. Dawn ma jkollhomx irwol dirett (u għalhekk m'għandhomx baġit iddedikat għall-implimentazzjoni) imma huma meqjusin rilevanti biex jiżguraw implimentazzjoni mingħajr skossi u effettiva, kif ukoll sjieda kondiviża tal-proġett.

Informazzjoni dettaljata fuq ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Urbani (AUA, jekk rilevanti) u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq hi mogħtija fit-Taqsima 2.1 tal-UIA Guidance.

## 5.2 Attivitajiet tal-Proġett

Attivitajiet fil-qafas tal-proġetti tal-UIA għandhom jiġu organizzati madwar Pakketti ta' Ħidma (WP) u għandhom jappoġġjaw Objettiv Tematiku wieħed jew iżjed tal-FEŻR u Prijorità(jiet) ta' Investiment relatati, kif stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 CPR[10] għall-FSIE u fl-Artikolu 5 tal-FEŻR.

Għal dan il-għan, għandhom jintużaw tipi differenti ta' WPs, kif indikat hawn taħt:

- WP Preparazzjoni
- WP Immaniġġjar tal-proġett
- WP Komunikazzjoni
- WP Implimentazzjoni
- WP Investiment

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32013R1303

Ħlief fil-każ tal-Pakkett ta' Ħidma tal-Investiment, it-tipi l-oħra kollha ta' WPs huma mandatorji fl-applikazzjonijiet tal-proġett tal-UIA.
Kull proġett se jkollu Espert tal-UIA biex:

- jagħti pariri u gwida kontinwa dwar is-sustanza tal-azzjoni, b'mod speċjali rigward il-kontenut innovattiv
- jgħin fl-iżvilupp ta' dokumentazzjoni u prodotti li se jqisu u jxerrdu t-tagħlimiet miksuba, il-prattika tajba, eċċ. lill-udjenza wiesgħa
- jiżgura li l-azzjoni tibqa' miexja u hija konformi mal-proposta miftiehma

L-ispejjeż għall-Esperti tal-UIA (inkluż għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni) se jkunu koperti mill-Inizjattiva UIA u għalhekk m'għandhomx jiġu inklużi fil-baġits tal-proġett. Aktar informazzjoni dwar l-istruttura tal-pjan ta' ħidma għal kull proġett tal-UIA, kif ukoll dwar l-irwol u l-kompiti tal-Esperti tal-UIA, hi mogħtija fil-UIA Guidance.

### 5.3 Linji baġitarji u spejjeż eliġibbli

L-infiq kollu relatat mal-implimentazzjoni tal-proġetti tal-UIA għandu jkun eliġibbli skont il-UIA Guidance (ara t-taqsima 4.2) u bbaġitjat fil-linji baġitarji xierqa:

- Persunal
- Uffiċċju u amministrazzjoni
- Ivvjaġġar u akkomodazzjoni
- Kompetenza u servizzi esterni
- Tagħmir
- Xogħlijiet ta' infrastruttura u kostruzzjoni

## 6. Proċess tal-applikazzjoni

Il-pakkett tal-applikazzjoni għar-raba' Sejħa għal Proposti tal-UIA jikkonsisti f'dan li ġej:

- Dawn it-Termini ta' Referenza (disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE)
- Gwida teknika għall-Electronic Exchange Platform (EEP)
- Struzzjonijiet dettaljati fuq kif timla l-Formola tal-Applikazzjoni (disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE fis-sistema tal-EEP)

Il-verżjoni ta' ħidma tal-Formola tal-Applikazzjoni u l-Paġna ta' Konferma huma pprovduti wkoll bħala għodod ta' għajnuna fil-proċess tal-abbozz tal-applikazzjoni (dokument Word, disponibbli biss bl-Ingliż).

**Barra minn hekk, il-UIA Guidance (disponibbli biss bl-Ingliż), trid tiġi kkonsultata b'mod estensiv għar-regoli ġenerali tal-Inizjattiva.**

Id-dokumentazzjoni kollha tinsab fis-sit elettroniku tal-UIA.

Il-proċess tal-applikazzjoni hu 100 % mingħajr karti permezz tal-użu tal-Electronic Exchange Platform (EEP) tal-UIA. **L-applikazzjoni tikkonsisti f'Formola tal-Applikazzjoni u f'Paġna ta' Konferma ffirmata u skennjata.** Jista' jittella' u jkun mehmuż ukoll anness mal-Formola tal-Applikazzjoni. Din tista' tkun mappa li tippreżenta l-qasam ta' intervent, tabella, infografika, eċċ. It-tip u d-daqs tal-fajl li jista' jiġi anness huma speċifikati fil-gwida tal-EEP.

Hu rrakkomandat li l-applikanti jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni b'Ingliż ċar, għalkemm din tista' timtela b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Ta' min jinnota li l-valutazzjonijiet Strateġiċi u Operattivi se jsiru fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-Formola tal-Applikazzjoni (trid tiġi tradotta bl-Ingliż minn fornitur ta' servizz estern, ikkuntrattat mis-SP, f'każ li l-Formola tal-Applikazzjoni tiġi sottomessa f'lingwa oħra). Il-kwalità tat-traduzzjoni mhix se tkun iggarantita mis-SP u għalhekk dan il-proċess hu fir-riskju tal-applikanti. Barra dan, il-Kuntratt ta' Sussidju, l-immaniġġjar tal-proġett, ir-rappurtaġġ formali, ir-riżultati ewlenin u kull komunikazzjoni mal-Entità Inkarigata u s-SP tkun trid issir bl-Ingliż.

**Id-data tal-iskadenza finali għas-sottomissjoni tal-Formola tal-Applikazzjoni u l-Paġna ta' Konferma hi 31/01/2019 14h00 CET.**

## 7. Proċess tal-għażla

Wara s-sottomissjoni, kull applikazzjoni hija soġġetta għal proċess ta' għażla mqassam skont il-passi li ġejjin:

1. Kontroll tal-eliġibbiltà
2. Valutazzjoni strateġika
3. Valutazzjoni operattiva

### 7.1 Kontroll tal-Eliġibbiltà

Mal-għeluq ta' Sejħa, is-SP iwettaq valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet tal-proġetti kollha sottomessi. L-iskop ta' din il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà hu li:

- Tkun ivverifikata l-konformità tal-Formoli tal-Applikazzjoni sottomessi u tal-annessi tagħhom mal-kriterji formali tal-eliġibbiltà
- Tkun evitata valutazzjoni oħra tal-applikazzjonijiet ineliġibbli
- Ikun żgurat it-trattament indaqs tal-proposti kollha li jkunu se jintgħażlu għall-finanzjament

Il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-UIA huma dawn:

1. Il-Formola tal-Applikazzjoni ġiet sottomessa b'mod elettroniku permezz tal-EEP qabel id-data tal-iskadenza indikata fit-Termini ta' Referenza tas-Sejħa għal Proposti
2. Il-Formola tal-Applikazzjoni mtliet kollha (inkluż il-WPs obbligatorji kollha)
3. L-applikant hu awtorità urbana unika ta' Unità Amministrattiva Lokali (LAU) definita skont il-grad ta' urbanizzazzjoni bħala belt kbira, belt żgħira jew subborg b'mill-inqas 50 000 abitant

   JEW

   L-applikant hu assoċjazzjoni jew raggruppament ta' awtoritajiet urbani bi status ġuridiku ta' agglomerazzjoni magħmula minn LAUs, bil-maġġoranza (mill-inqas 51 %) tal-abitanti

jgħixu fl-LAUs definiti skont il-grad ta’ urbanizzazzjoni bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi, b’popolazzjoni totali ta’ mill-inqas 50 000 abitant

JEW

L-applikant hu assoċjazzjoni jew raggruppament ta’ awtoritajiet urbani mingħajr status ġuridiku ta’ agglomerazzjonijiet organizzati, bl-awtoritajiet urbani kollha involuti (l-Awtorità Urbana Ewlenija u l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) huma LAUs definiti skont il-grad ta’ urbanizzazzjoni bħala bliet kbar, bliet żgħar jew subborgi, b’popolazzjoni kkombinata totali (l-Awtorità Urbana Ewlenija u l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) ta’ mill-inqas 50 000 abitant

4. Fil-każ ta’ assoċjazzjoni jew raggruppament mingħajr status ġuridiku ta’ agglomerazzjoni organizzata, fil-Formola tal-Applikazzjoni għandhom jiġu ppreżentati Awtorità Urbana Ewlenija u l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati
5. Biss għas-Sejħa għal Proposti preżenti u biss għal proposti li jindirizzaw is-suġġett "L-użu sostenibbli tal-art, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura", l-LAUs rurali, jekk ikun hemm, ġew elenkati bħala Awtoritajiet Urbani Assoċjati. F'dan il-każ, il-limitu minimu ta' 50 000 abitant jintlaħaq mil-LAUs kollha (Awtoritajiet Urbani Ewlenin u Assoċjati) ikklassifikati bħala bliet kbar, bliet żgħar u/jew subborgi
6. Il-perjodu tal-eliġibbiltà hu rispettat: id-data ta’ tmiem il-proġett tirrispetta r-rekwiżiti tas-Sejħa u tal-Inizjattiva
7. Ir-rekwiżiti massimi tal-baġit u l-prinċipju tal-kofinanzjament huma rispettati
8. L-imsieħba kollha involuti (l-Awtorità Urbana Ewlenija, l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati u l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq) huma mill-Istati Membri tal-UE
9. L-awtoritajiet urbani li qed japplikaw (l-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u/jew l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) huma involuti fi proposta għal proġett wieħed biss fil-qafas tal-istess Sejħa għal Proposti.
10. L-awtoritajiet urbani li qed japplikaw (l-Awtoritajiet Urbani Ewlenin u/jew l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati) ma ntgħażlux u ma ġewx iffinanzjati fuq l-istess suġġett ta’ Sejħa għal Proposti tal-UIA ta’ qabel
11. Il-paġna ta’ konferma, iffirmata mir-rappreżentant legali tal-Awtorità Urbana (Ewlenija), ittellgħet fis-sistema tal-EEP sad-data tal-għeluq tas-Sejħa.

Jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti kollha stabbiliti hawn fuq, l-applikazzjoni ma titqiesx eliġibbli u ma tibqax tiġi kkunsidrata għall-valutazzjoni.

## 7.2 Valutazzjoni Strateġika

L-applikazzjonijiet li huma ddikjarati eliġibbli jkunu soġġetti għal Valutazzjoni Strateġika mwettqa minn bord ta' Esperti Esterni. Il-Valutazzjoni Strateġika tikkorrispondi għal 80% tal-piż mogħti lill-valutazzjoni totali tal-proġetti u tikkonsisti fil-kriterji li ġejjin:

- Innovattività (40 % tal-piż) – Sa fejn jista' juri l-applikant li l-proposta tal-proġett hija ġdida (li ma kinitx ittestjata u implimentata qabel fuq l-art taż-żona urbana kkonċernata u fi bnadi oħra fl-UE) u għandha potenzjal ċar li żżid il-valur?
- Sħubija (15 % tal-piż) – Sa fejn huwa rilevanti l-involviment tal-partijiet interessati ewlenin (l-Awtoritajiet Urbani Assoċjati jekk hemm, l-Imsieħba li Jwasslu għat-Twettiq, u l-Grupp Usa' ta' Partijiet Interessati) għall-implimentazzjoni tal-proġett?
- Miżurabbiltà (15% tal-piż) – Sa fejn jista' jitqies li l-proġett se jagħti riżultati miżurabbli?
- Trasferibbiltà (10% tal-piż) – Sa fejn se jkun trasferibbli dan il-proġett għal żoni urbani oħra madwar l-Ewropa?

Il-mistoqsijiet indikattivi tal-valutazzjoni għal kull kriterju huma ppreżentati fit-taqsima 3.2.2 tal-UIA Guidance.

Il-bord tal-Esperti Esterni jivverifika wkoll li l-proġetti jikkontribwixxu għall-objettivi tematiċi għall-Fondi ESI u għall-Qafas Strateġiku Komuni, kif imfassal fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 CPR, u li jipproponu mistoqsijiet integrati għall-isfidi identifikati, kif ukoll li huma konformi mal-prinċipji ta' żvilupp urban sostenibbli. Il-KE u l-EE jistgħu jiddeċiedu li ma jagħżlux proġett minħabba n-nuqqas ta' kontribut tiegħu jekk ma jintlaħqux dawn il-kriterji.

Bħala riżultat tal-Valutazzjoni Strateġika, il-bord tal-Esperti Esterni jelabora valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u jikklassifikahom. Bi qbil mal-KE, l-applikazzjonijiet li jiksbu punteġġ ogħla minn ċertu limitu jgħaddu għal Valutazzjoni Operattiva. L-applikanti jiġu avżati fi tmiem il-proċess tal-Valutazzjoni Strateġika bid-deċiżjoni li tkun ittieħdet fuq l-applikazzjoni tagħhom (għaddewx jew le).

### 7.3 Valutazzjoni Operattiva

Il-Valutazzjoni Operattiva titwettaq mis-SP u tikkorrispondi għal 20 % tal-piż mogħti lill-valutazzjoni totali tal-proġett. L-objettiv ewlieni tal-Valutazzjoni Operattiva hu li tivvaluta l-kwalità tal-proposta (inkluż il-ġustifikazzjoni għall-proġett, il-fattibbiltà, il-konsistenza u l-koerenza tal-pjan ta' ħidma, il-kwalità tal-istrutturi ta' mmaniġġjar proposti, il-koerenza u l-proporzjonalità tal-baġit, il-kwalità tal-attivitajiet tal-komunikazzjoni proposti).

Xi mistoqsijiet indikattivi tal-valutazzjoni għall-kriterju "Kwalità" huma ppreżentati fit-taqsima 3.2.3 tal-UIA Guidance.

Wara l-Valutazzjoni operattiva, il-Kumitat tal-Għażla magħmul mill-EE u mill-KE jiltaqa' biex jagħmel l-għażla finali. Il-KE tagħti l-ftehim finali dwar liema proġetti ntgħażlu. L-applikanti jiġu avżati fi tmiem dan il-proċess ta' Valutazzjoni Operattiva bid-deċiżjoni.

### 7.4 Sistema ta' punteġġi għall-valutazzjoni

Punteġġ ta' 1 sa 5 jingħata lil kull kriterju ponderat li jirriżulta f'punteġġ medju għal kull proġett.

Informazzjoni dettaljata dwar is-sistema ta' punteġġi tal-valutazzjoni hija mogħtija fit-taqsima 3.2.4 tal-UIA Guidance.

Is-sistema ta' punteġġi tkun applikata mhux biss għall-mertu speċifiku ta' kull proġett propost, imma wkoll fl-ispirtu ta' proċess kompetittiv li jikkunsidra u jqabbel il-proposti tal-proġetti l-oħra sottomessi fil-qafas tal-istess Sejħa għal Proposti. Għal dan il-fatt, l-applikanti tal-proposti għal proġetti li ma jgħaddux għall-Valutazzjoni Operattiva jew li ma jkunux approvati fl-aħħar, ma jingħatawx il-punteġġi imma jingħataw biss kumment għall-kriterji kollha vvalutati.

## 8. Akkwist pubbliku, awditjar, u għajnuna mill-Istat

L-imsieħba tal-proġett li jissodisfaw id-definizzjoni ta' awtorità kontraenti skont il-leġiżlazzjoni tal-akkwist nazzjonali rilevanti jridu jirrispettaw ir-regoli tal-akkwist pubbliku applikabbli.

L-infiq iddikjarat mill-proġett irid jiġi awditjat minn Kontrollur tal-Ewwel Livell (FLC). L-opinjoni ta' dan il-Kontrollur indipendenti trid tkopri l-legalità u r-regolarità tal-infiq iddikjarat, il-kunsinna tal-prodotti u s-servizzi, is-sodezza tal-infiq iddikjarat u l-konformità tal-infiq u l-operati mar-regoli Komunitarji u nazzjonali. Peress li l-Kontrollur jinħatar u jiġi mħallas direttament mill-Inizjattiva UIA, m'għandux ikun hemm tbassir tal-ispejjeż abbinati mal-kontroll (awditjar) mis-sħubija tal-proġett hi u tagħmel il-baġit tal-proġett.

Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi għal kull impriża attiva fis-suq intern, il-proġetti approvati għandhom jitfasslu f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat ħalli tkun żgurata l-effettività tan-nefqa pubblika u jiġi evitat kull tfixkil fis-suq, bħall-esklużjoni tal-finanzjament mill-privat, il-ħolqien ta' strutturi mhux effettivi tas-suq, jew il-preservazzjoni ta' ditti mhux effiċjenti. [11] Għandha tingħata attenzjoni biex il-finanzjament ta' Azzjonijiet Innovattivi Urbani la jfixkel il-kompetizzjoni u lanqas iwassal għal interferenza fis-suq bla bżonn ġustifikat. Ġeneralment, il-KE qed tistenna li l-maġġoranza tal-proġetti li se jiġu ffinanzjati b'din it-tieni sejħa ma jkunux jinvolvu attivitajiet ekonomiċi jew ma jkollhom l-ebda effett, inkella effett mill-aktar limitat, fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Il-KE tiffinanzja l-Azzjonijiet Innovattivi Urbani mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (sa 80 % tal-ispiża tal-proġett) permezz ta' mmaniġġjar indirett. Għall-finanzjament ta' 80% tal-UIA, hu meħtieġ li jkun hemm kontroll ta' konsistenza tal-għajnuna mill-Istat biex ikun żgurat li l-appoġġ pubbliku jwassal il-benefiċċju kollu għas-suq intern. Meta tqis in-natura innovattiva u miftuħa tal-UIA li taħdem fuq il-bażi ta' sejħiet għal proposti għal proġetti li jġibu 'l quddiem soluzzjonijiet kreattivi u t-temi ġenerali magħżula għas-sejħiet, jidher li, sabiex ikun assigurat li l-effett ta' tfixkil tar-riżorsi tal-baġit tal-UE jkun limitat, il-konsistenza tal-għajnuna mill-Istat għandha tkun ibbażata fuq limitazzjoni ta' massimu ta' EUR 500 000 tal-ammont totali tal-finanzjament tal-UIA li jista' jgħaddi għand impriża individwali involuta fi proġett partikolari.

Il-bqija tal-fondi (mill-inqas 20% tan-nefqa tal-proġett) tista' tkun koperta minn kontribuzzjonijiet privati jew pubbliċi. Meta dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu minn sorsi privati, ma jaqgħux fil-kuntest tal-liġi tal-għajnuna mill-Istat. Madankollu, meta jkun hemm kontribuzzjonijiet minn sorsi pubbliċi ta' Stat Membru għal proġetti li jinvolvu "attivitajiet ekonomiċi", jiġifieri, li joffru oġġetti u servizzi fis-suq, imbagħad, dawn il-proġetti jkollhom jitfasslu b'tali mod li kull kontribuzzjoni pubblika tkun konformi mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat f'kull livell, li jfisser kemm fil-livell tas-sid, tal-kostruttur

---

[11] Għal aktar għajnuna fuq il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, ara l-Avviż tal-Kummissjoni fuq il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) TFUE ('NOA'), ippubblikat fis-sit:. http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016XC0719(05)&from=MT.

u/jew tal-operatur tal-proġett jew tal-faċilità. F'dawn il-każi, il-finanzjament pubbliku pprovdut għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament De Minimis, jew mal-kundizzjonijiet imfassla mir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) jew mid-Deċiżjoni għal Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI).

Informazzjoni dettaljata fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat hi mogħtija fit-taqsimiet 4.4.6 u 4.4.7 tal-UIA Guidance.

## 9. Kif tikseb l-għajnuna

Il-persunal tas-SP se jkun lest biex jgħin lill-applikanti fi kwalunkwe mistoqsija teknika li jista' jkollhom matul is-Sejħa għal Proposti. Id-dettalji tal-kuntatt jinsabu fis-sit elettroniku tal-UIA.

Is-SP se jorganizza wkoll diversi Seminars għall-Applikanti fi bliet differenti madwar l-Ewropa. Id-dati u l-postijiet ta' dawn is-Seminars għall-Applikanti jinsabu fit-taqsima "Events" tas-sit tal-UIA. Matul dawn is-seminars, il-parteċipanti se jkollhom il-possibbiltà li jorganizzaw laqgħat bilaterali mal-membri tal-SP u mar-rappreżentanti tal-KE biex jiddiskutu l-idea tal-proġett tagħhom. Se jkunu organizzati wkoll webinars fuq aspetti speċifiċi tal-iżvilupp u s-sottomissjoni tal-proġetti. Id-dati u l-postijiet ta' dawn il-webinars jinsabu fit-taqsima "Events" tas-sit tal-UIA. Fl-aħħar nett, l-SP se jorganizza sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet online u konsultazzjonijiet bilaterali. Se tingħata aktar informazzjoni fuq il-paġna web iddedikata għar-raba' Sejħa għal Proposti tas-sit elettroniku tal-UIA.

## 10. Dati ewlenin

- 15/10/2018 – Tnedija tar-raba' Sejħa għal Proposti
- 11/2018 – 12/2018 – Seminars u webinars għall-applikanti
- 31/01/2019 – Data tal-iskadenza għas-sottomissjonijiet tal-Formoli tal-Applikazzjoni
- 07/2019 – Data indikattiva għad-deċiżjoni finali għall-approvazzjoni tal-proġetti
- 09/2019 – Data indikattiva tal-bidu tal-proġetti approvati

**Ninsabu ħerqanin biex naqraw il-proposti tal-proġetti tagħkom fil-futur qrib!**